**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 15 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 306/2019 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**NC**

**U**

**IC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġuntiv ta' NC u ta' IC li għandu passaport Ingliż numru X datat 27 ta' Ġunju 2019 a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi preliminarjament r-rikorrenti IC jiddikjara li huwa jifhem bil-Malti.*

*Illi l-partijiet iżżewġu fit-3 ta' Novembru 1999 (dok A ċertifikat taż-żwieġ anness).*

*Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom żewġt itfal, R li twieled f'Y u għalhekk huwa maġġorenni u J li f'Z u għalhekk għadha minorenni.*

*Illi l-manteniment qed jitħallas regolarment għaż-żewġt ulied stante li t-tifel il-kbir għadu jistudja full time.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt tal-24 ta' Mejju 2019 atti Nutar Dr Timothy Ellis u fl-istess kuntratt il-partijiet iddikjaraw li ilhom separati de facto minn April tas-sena 2009 (Dok B – kuntratt ta' separazzjoni )*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li minbarra li l-partijiet ilhom separati għal aktar minn għaxar snin illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra iffurmaw rabtiet ma' persuni oħrajn.*

*Illi l-manteniment a favur l-mara ma hemmx peress li l-partijiet ddekadew reċiprokament mid-dritt tagħhom għal manteniment (ara klawsola 2 tal-istess kuntratt).*

*Illi l-mara tixtieq li tirriverti lura għal kunjomha ta' xebba u cioe C u dan ai termini tal-artikolu 62 tal-Kap 16.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksib tad-divorzju skond l-art 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunja l-ħall taż-żwieġ li ġie iċċelebrat fit-3 ta' Novembru 1996;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti mara tirriverti għal kunjomha ta' xebba ċioe C.*

3. *Tordna lir-reġistatur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-direttur tar-reġistru pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-reġistru pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat**:

Illi IC xehed (fol 12) li huwa iżewweġ lil NC fit-3 ta' Novembru 1999 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, wieħed maġorenni u waħda minorenni, pero li t-tnejn għadhom jistudjaw *full time*. Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali. Xehed illi ma hemmx arretrati ta' manteniment. Xehed ukoll illi huwa telaq id-dar matrimonjali fis-sena elfejn u disgħa (2009) u li minn dak iż-żmien ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas hemm tama tal-istess.

Illi NC xehdet (fol 14) u ikkonfermat dak li xehed IC.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Novembru 1999 (fol 8) u li minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied li ghadhom qed jistudjaw.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis, datat 24 ta' Mejju 2019 (vide Dok. B fol 3 et seq tal-proċess) pero kienu ilhom isseparati de facto sa mill-elfejn u disgħa (2009). Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar mill-erbgħa snin rikjesti mil-liġi.

Jirriżulta ukoll illi mhemmx pendenzi rigward ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mil-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġġistrat fir-Reġistru Pubbliku u tawtorizza lil NC sabiex tirreverti lura għal kunjom**

**xbubitha u ċioe C u tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat sabiex jieħu l-azzjoni meħtieġa.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

**Bis-sahha ta' digriet tal-31 ta' Awwissu 2020, wara rikors ghall-korrezzjoni, saru is-segwenti korrezzjonijiet:**

***A fol 3, jizdied il-kliem:** ***"Rat illi fil-verbal datata 18 ta' Novembru 2019, l-attrici irtirat it-tieni talba taghha il-ghaliex ma xtaqietx tirriverti ghall-kunjom xbubitha."***

**** Il-kliem minn** ***"u tawtorizza…"*** **a fol 5 tas-sentenza sa** ***"…jiehu l-azzjoni mehtiega."*** **jigu kancellati.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**